MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2009

Numru 46/2009

**Il-Pulizija**
**Sp Raymond Cassar**
**vs**
**Ryan Vella**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Ryan Vella ta' 23 sena iben Emanuel u Josephine nee' Galea mwieled Pieta fid-29 ta' Ottubru 1985 u residenti fil-fond 45 Rising Sun,Triq l-Ghenieq Naxxar, ID 536585M.**

**Akkuzat talli:**

**1. Fid-19 ta' Jannar 2009 ghall-habta ta' bejn 11.45am fil-Pieta, kkommetta serq flimkien ma persuna ohra ta' flus kontanti, dokumenti u telefon cellulari ghad-dannu ta' Maria Concetta Abela ta' 77**

**sena mill-Imsida, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza u bil-valur.**
**2. U iktar talli fl-istess jum, f'dawn il-Gzejjer, xjentement tara u jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal f'dawn il-Gzejjer biex ibieghhom, jew imexxiehom, liema oggetti huma gejjin minn serq kkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeccedix l-2329.37 Euro;**
**3. U iktar talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi, kkaguna griehi hfief fuq il-persuna ta' Maria Concetta Abela u dan waqt li kien qed jikkommetti reat ta' serq aggravat;**
**4. U iktar talli kiser provediment ta' Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija mill-Qrati tal-Magistrati ta' Malta datata 4 ta' Frar 2008 fejn gie moghti l-liberta b'kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien 16-il xahar minn dak inhar u liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet, bit-tieni imputazzjoni pero mehuda bhala alternattiva ghal-ewwel wahda, liema ammissjoni l-imputat kkonferma wara li nghata hin xieraq biex jahsibha.**

**Ghal daqstant dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 221, 261, 262(1)(a), 267, 274(d), 276A u 334 tal-Kap 9 u l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati ta' l-ewwel u tat-tieni u tar-raba' imputazzjoni u mhix qed tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni li hija alternattiva ghall-ewwel wahda.**

**Dwar il-piena il-Qorti qed tipprovdi kif gej:**

**(a) Dwar l-ewwel u t-tielet imputazzjoni, flok tikkundanna lill-imputat qed tpoggi lill-imputat taht il-harsien ta' Probation Officer ghal zmien ta' 30 xahar.**

**(b) Dwar ir-raba' imputazzjoni, qed tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' 467 Euro, liema multa tista tithallas b'rati ta' 100 Euro fix-xahar, bl-ewwel pagament isir fi zmien erba' gimghat millum. Jekk din il-multa ma tithallax jew xi parti minnha ma tithallasx, allura dik il-parti mhix imhallsa ser tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro li ma jkunux imhallsa.**

**Tordna li din is-sentenza tintbghat lill-Avukat Generali.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------